



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

MT

## Diskors

Brussell, il-11 ta' Jannar 2016

# Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tal-Programm ta' Fidma għall-2016  
Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew

Brussell, il-11 ta' Jannar 2016

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.  
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditorsECA [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

Sinjura President,

Onorevoli membri,

Grazzi tal-istedina biex nippreżenta l-Programm ta' Ħidma għall-2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-2016 se tkun sena diffiċli għall-Unjoni Ewropea u għall-istituzzjonijiet tagħha. L-UE u l-Istati Membri qed jiffaċċjaw sfidi kruċjali fit-tul u kriżijiet li għadhom għaddejjin, inklużi:

- It-tisħiħ tal-ekonomija u tal-impjieg;
- Il-ksib ta' għanijiet ġodda għall-iżvilupp sostenibbli u l-klima; kif ukoll
- Il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Dan jagħmilha essenzjali li l-UE tagħmel l-aħjar użu mill-mezzi limitati li kien hemm għad-dispożizzjoni tagħha, kemm leġiżlattivi kif ukoll baġitarji. Fi kliem ieħor, it-titjib tal-prijoritizzazzjoni u l-prestazzjoni issa huma kwistjonijiet ewlenin għall-UE, b'mod partikolari waqt li tanalizza l-istrateġija fit-tul u l-qafas finanzjarju pluriennali tagħha.

Il-Programm ta' Ħidma għall-2016 tal-Qorti jirrifletti din ir-realtà. Huwa jstipula l-awditi li qed nippjanaw li nibdew u r-rapporti li aħna għandna l-intenzjoni li nippubblikaw fl-2016. Għal darb'oħra, minbarra li nissodisfaw l-obbligu tagħna li nipproduċu aktar minn 50 rapport annwali, se nżommu fokus qawwi fuq l-awditu tal-prestazzjoni.

Naturalment, aħna ma nistgħux nawditjaw u nirrappurtaw dwar kollox. B'hekk, għandna l-għan li nikkonċentraw xogħolna fejn nemmnu li huwa jista' jżid l-aktar valur. Biex nagħmlu dan, aħna nidentifikaw prijoritajiet tal-awditjar biex jiggwida xogħolna matul perjodu ta' sentejn sa tliet snin.

Dawn il-prijoritajiet jispiraw temi fir-rapporti annwali tagħna, huma jixprunaw l-għażla ta' kompiti ġodda għal rapporti speċjali, u jippreżentaw oqsma li fihom aħna nfittxu li niżviluppaw għarfien fit-tul u esperjenza tal-awditjar.

Kull sena aħna nagħgornaw il-prijoritajiet tagħna fuq il-bażi ta' analiżi tal-iżviluppi tal-UE u l-fehim tagħna tal-ħtiġijiet tal-partijiet interessati tagħna. Għall-programm ta' ħidma ta' din is-sena, aħna bbenefikajna minn livell akbar ta' involviment minn qatt qabel mal-kumitati tal-Parlament. Nixtieq niringrazzja lill-Kumitat għall-Kontroll tal-baġit u lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għal dan.

Aħna nittamaw bil-kbir li, minn issa 'l quddiem, djalogu interistituzzjonali b'hal dan nagħmluh karatteristika permanenti tal-proċess ta' pprogrammar ta' ħidma tagħna.

Fil-fehma tagħna, hija parti esenzjali mill-isforzi tagħna biex nagħmlu l-outputs tagħna rilevanti u utli kemm jista' jkun. Hija tippermettelnha nidentifikaw prijoritajiet tal-awditjar, nagħżlu suġġetti u niddeterminaw l-ambitu ta' awditi speċifiċi, u b'hekk tgħinna nevitaw diskrepanzi fl-aspettattivi.

F'Ottubru tas-sena l-oħra, meta Membri tal-Kumitat żaru l-Qorti, jien tajt ħarsa bil-quddiem lejn il-prijoritajiet tagħna għall-2016. Din id-darba nixtieq niġbed l-attenzjoni għal xi wħud mill-awditi speċifiċi relatati ma' dawk il-prijoritajiet li qed nippjanaw li nibdew naħdmu fuqhom fl-2016.

Kif għidt fil-bidu, it-titjib tal-ekonomija u l-ħolqien ta' impjegi jibqgħu prijorità ewlenija għall-UE.

Fi snin reċenti aħna pprijoritizzajna l-awditu ta' miżuri għall-impjieg taż-żgħażaġġ. Fil-fatt, il-kollega tiegħi Iliana Ivanova se tkun qed tippreżenta r-rapport speċjali l-aktar reċenti tagħna dwar dak is-suġġett taħt il-punt li jmiss fuq l-aġenda tagħkom.

Fl-2016, aħna se nixħtu l-attenzjoni tagħna fuq l-isforzi għat-titjib tal-ekonomija permezz tat-tisħiħ tas-**suq intern**, inklużi inizjattivi relatati mal-aġenda diġitali tal-Kummissjoni.

B'mod partikolari, aħna qed nippjanaw li nibdew awditi dwar l-appoġġ għall-mobbiltà tal-ħaddiema, infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja, u n-netwerks tat-toroq u dawk ferrovjarji kif ukoll dwar inizjattivi biex jitneħħew ostakli għas-suq uniku u titjeb ir-regolazzjoni tas-servizzi finanzjarji.

L-ekonomija Ewropea se tiżviluppa u tikber biss f'atmosfera ta' **governanza finanzjarja u ekonomika** tajba. Din ukoll se tkompli tkun prijorità tal-awditjar.

Fl-2016, il-Qorti tippjana li tirrapporta dwar l-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri, il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv u s-superviżjoni ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-UE, ibbażat fuq awditi li nbdew is-sena l-oħra.

Barra minn hekk, il-Qorti tippjana wkoll li tawditja l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ġdid u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ewwel darba kif ukoll li tibda' l-ħidma fuq il-valutazzjoni tal-ewwel ħames snin ta' operat tas-Semestru Ewropew.

Il-politika tal-enerġija tibqa' prijorità. Fl-2015, aħna ppubblikajna rapport speċjali dwar is-suq intern tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Fl-2016, il-prijorità se tkun **l-Enerġija u l-Klima**, suġġett li dwaru aħna qed nippjanaw li nwettqu analiżi panoramika.

L-issodisfar ta' miri għall-klima għandu wkoll implikazzjonijiet importanti għal ħafna oqsma tradizzjonali ta' politika tal-UE li fihom jintnefqu l-fondi tal-UE. Fl-2016, aħna nippjanaw li nirrapportaw dwar l-impenn kumplessiv li 20 % tal-baġit tal-UE jintnefaq fuq attivitajiet relatati mal-azzjoni klimatika kif ukoll li nħarsu speċifikament lejn il-politika tal-bijokarburanti, prattiki agrikoli u għajjnuna għall-enerġija rinovabbli f'żoni rurali.

Barra minn dan ta' hawn fuq, aħna għandna prijorità kbira tal-awditjar ġdida għall-2016: **Asil, Migrazzjoni u Sigurtà**.

Kif jaf il-Kumitat, aħna għandna awditu li għadu għaddej dwar l-infiq fuq il-migrazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u tal-Viċinat tal-Lvant. L-osservazzjonijiet preliminari attwalment għaddejjin mill-proċedura kontradittorja u,

b'kont meħud tal-livell għoli ta' interess tal-Kumitat f'dan is-suġġett matul dan iż-żmien, se jiġu ffinalizzati mill-aktar fis possibbli.

Minn meta aħna bdejna dak l-awditu fl-2014, l-UE rċeviet għadd ta' rifuġjati akbar minn qatt qabel, ħafna minnhom ifittxu l-asil. L-UE u l-Istati Membri ħadu miżuri biex jindirizzaw din il-kriżi, u aktar miżuri huma ppjanati din is-sena.

Għalhekk, il-Qorti tippjana li tibda awditu ġdid aktar tard din is-sena speċifikament dwar ir-rispons tal-Kummissjoni għall-kriżi tar-rifuġjati, b'bini fuq l-għarfien tal-politika tal-UE f'dan il-qasam li aħna ksibna fl-awditu dwar il-migrazzjoni.

Fl-2016, aħna nippjanaw ukoll li nbdew awditi dwar l-għodod li jiproteġu kontra t-terroriżmu, miżuri biex jipprevienu t-traffikar tal-bnedmin u għajjnuna lil stati li jistgħu jkunu sorsi potenzjali ta' migranti u persuni li jfittxu l-asil, bħat-Tuneżija u r-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Bħal fi snin preċedenti, aħna nippjanaw li nbdew xogħol fuq għadd ta' rapporti speċjali dwar kwistjonijiet relatati mal-istrumenti prinċipali tal-UE għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika, jiġifieri l-istrateġija tal-UE, il-programmi kbar ta' nfiq, u l-aġenziji u l-korpi l-oħra.

Fir-rigward tal-programmi prinċipali ta' nfiq, aħna nippjanaw li nħarsu lejn l-assorbiment tal-fondi tal-UE, l-għażla ta' proġetti u korrezzjonijiet finanzjarji fil-koeżjoni kif ukoll lejn l-iskema ta' pagament bażiku fl-agrikoltura.

Fir-rigward tal-entitajiet tal-UE, aħna nippjanaw li nivvalutaw il-prestazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks u l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti għar-Riċerka Ewropea, kif ukoll li nwettqu analiżi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Il-prijoritajiet tal-Qorti se jiġu riflessi wkoll fix-xogħol tal-awditjar li fuqu huma bbażati r-rapporti annwali tagħna.

Ir-**rapport annwali** li jmiss dwar il-baġit tal-UE se jinkludi kapitolu ġdid dwar l-intestatura tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali: Sigurtà u Ċittadinanza.

Aħna se nkomplu nagħtu prominenza lil kwistjonijiet ta' prestazzjoni fir-rapport annwali. Fil-kapitolu dwar il-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE, aħna nipplanaw li nirrappurtaw dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu mill-Kummissjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, u l-punt sa fejn Orizzont 2020 huwa ffukat fuq ir-riżultati u l-kontribut lejn il-kisba tal-miri ta' dik l-istrateġija.

Aħna se nirrappurtaw ukoll dwar il-kwistjonijiet ta' prestazzjoni li jirriżultaw mill-awditu tat-tranżazzjonijiet ta' nfiq taħt ġestjoni kondiviża fil-kapitoli rilevanti tar-rapport.

Fl-aħħar nett, aħna se nagħtu segwitu wkoll lill-iżviluppi fir-rigward tal-assorbiment tal-fondi tal-UE u l-użu ta' strumenti finanzjarji li aħna għidna l-attenzjoni għalihom is-sena l-oħra fil-kapitolu tagħna dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-UE.

Sinjura President, onorevoli membri,

Kif il-Kummissjoni tgħid tajjeb fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2016, dan mhuwiex żmien għal żamma tal-*istatus quo* fl-UE. Il-Qorti wkoll tirrikonoxxi dan il-fatt.

S'issa koprojt il-prijoritajiet tagħna għall-2016. Issa nixtieq nitkellem ftit dwar il-passi li qed nieħdu biex intejbu l-prestazzjoni tagħna bħala istituzzjoni.

Fl-2016, jeħtieġ li aħna nimmaniġġjaw tibdil sinifikanti fi ħdan l-istituzzjoni tagħna filwaqt li nimxu 'l quddiem bir-riformi bħala parti mill-istrateġija tagħna għall-2013 sal-2017.

Fil-bidu ta' Jannar, il-mudell organizzazzjonali ġdid tagħna bbażat fuq il-kompiti daħal fis-seħħ. Aħna nemmnu li dan se jippermettiena nimmaniġġjaw il-kompiti u r-riżorsi tagħna b'mod aktar sempliċi u aktar flessibbli fis-snin li ġejjin.

B'mod partikolari, jien nemmen li dan se jassistina biex nadottaw ir-rapporti speċjali li nibdew fl-2016 inġenerali fi żmien 13-il xahar, kif inhu issa previst fir-Regolament Finanzjarju.

Aħna se nipprovdu aktar dettalji tal-progress tagħna fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħna kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni bejn il-pari u tal-Parlament fir-Rapport Annwali tal-Attività tagħna fl-2015.

Sinjura President, onorevoli membri,

Dawn huma żminijiet ta' sfida għall-Unjoni tagħna. Jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu flimkien biex isolvu l-problemi diffiċli li qed niffaċċjaw, kull waħda minnhom tuża s-setgħat u r-riżorsi tagħna bl-aħjar mod li nistgħu.

Fl-2016, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi tagħna f'dak ir-rigward billi timplimenta l-programm ta' ħidma li jien kelli l-unur li nippreżentalkom illum.

Grazzi.